MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 260/2000/1

**Gordon Bartoli**

**vs**

**John Galea u Eugenia u Ronnie Galea ghal kull interess li jista' jkollhom.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 11 ta' Frar 2000 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn espona: -

Illi l-attar huwa sid tal-vettura tal-marka Renault 5 Turbo bin-numru tar-registrazzjoni F-4613, liema vettura f'Marzu 1998 kienet giet ikkonsenjata lill-konvenuti fil-garaxx tieghu gewwa "Francis Farm" Tal-Francizi, Limiti tal-Marsa.

Illi waqt illi l-imsemmija vettura kienet taht il-kura u l-kustodja tal-konvenuti kien hemm hruq fil-garaxx hawn fuq imsemmi mil-liema garaxx jopera l-istess konvenuti bhala *mechanics*.

Illi b'rizultat ta' dan il-hruq il-vettura tal-marka Renault 5 Turbo bin-numru tar-registrazzjoni F-4613 hawn fuq imsemmija proprjeta` tal-attur inqerdet ghal kollox b'dannu ghall-istess attur u minkejja illi l-konvenut gie interpellat sabiex jersaq ghal likwidazzjoni tad-danni sofferti minhabba dan il-hruq tal-vettura tieghu huwa baqa' inadempjenti.

Jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex;

1. Tiddikjara illi l-konvenut kien responsabbli mill-vettura tal-marka Renault 5 Turbo bin-numru tar-registrazzjoni F-4613 meta f'Marzu 1998 din kienet ikkonsenjata lilu fil-garaxx gewwa "Francis Farm" Tal-Francizi, Limiti tal-Marsa u li taghha huwa kellu l-kura u l-kustodja.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorrendo bl-opera ta' Periti nominandi.

3. Tikkunuana l-konvenut jhallas dawn id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-imgliax inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Gunju 1999 u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-12 ta' April 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti John Galea et datata 7 ta' Marzu 2000 (fol 9) fejn esponew: -

1. Fl-ewwel lok illi l-attur irid jipprova li hu sid il-vettura tal-marka Renault 5 Turbo bin-numru tar-registrazzjoni F-4613.

2. Illi l-konvenuti ma humiex responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-attur in kwantu kif gie konkluz fl-inkjesta magisterjali l-hruq li sar fil-garaxx gewwa "Francis Farm", Tal-Francizi limiti tal-Marsa f'Marzu 1998 sehh u origina mill-istess vettura Renault 5 Turbo numru tar-registrazzjoni numru F-4613 illi giet konsenjata fl-istess garaxx mill-attur.

3. Illi ghalhekk kuntrarjament ghal dak pretiz mill-attur, huwa l-istess attur responsabbli ghall-imsemmi hruq, konsegwenza ta' liema l-konvenuti sofrew danni ingenti dwar liema qed iresqu l-opportuna kontro-talba.

4. Illi *inoltre* kien l-istess attur illi bi ksur tal-ligi naqas milli jkopri l-vettura *de quo* b'polza ta' assikurazzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-**Kontro-Talba tal-konvenuti John Galea et** datata 7 ta' Marzu 2000 (fol 11) fejn esponew: -

Illi l-attur kien halla l-vettura tal-marka Renault 5 Turbo bin-numru F-4613 fil-garaxx li minnu l-konvenuti John Galea u Ronnie Galea jahdmu bhala *mechanics*.

Illi filwaqt li din il-vettura kienet f'dan il-garaxx hadet in-nar kif konfermat fl-inkjesta magisterjali li saret.

Illi l-hruq f'din il-karrozza nfirex mal-garaxx tant illi saret hsara estensiva kemm fl-istruttura tal-garaxx kif ukoll f' vetturi ohra li kienu fl-istess garaxx proprjeta` tal-konvenuti u ta' terzi fil-kustodja tal-istess konvenuti.

Illi l-konvenuti sofrew danni konsegwenzjali ngenti.

Illi l-attur *nonostante* li gie nterpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni hekk kagunati lill-konvenuti baqa' inadempjenti.

Jghid ghalhekk l-istess attur rikonvenzjonat ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti: -

1. Tiddikjara illi l-hruq *de quo* fil-garaxx gewwa "Francis Farm", Tal-Francizi, limiti tal-Marsa, origina mill-vettura Renault 5 Turbo numru F-4613 konsenjata fl-istess garaxx mill-attur.

2. Tiddikjara konsegwentement lill-attur responsabbli ghall-imsemmi hruq u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-konvenuti.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenuti John Galea u Eugenia Galea.

4. Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuti John Galea u Eugenia Galea d-danni hekk likwidati.

5. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut Ronnie Galea.

6. Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut Ronnie Galea d-danni hekk likwidati.

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet tal-attur ri-konvenut ghall-kontro-talba tal-konvenuti** datata 27 ta’ Marzu 2000 (fol 13) fejn espona: -

1. Illi l-pretenzjonijiet vantati mill-konvenuti huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan ghaliex meta l-garaxx tal-konvenuti ha n-nar il-vettura tal-marka Renault 5 Turbo bin-numru F-4613 proprjeta` tal-attur ri-konvenut kienet fil-kura u l-kustodja tal-konvenuti.

2. Illi *inoltre* minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenuti naqsu li jiehdu l-prekawzjonijiet necessarji sabiex il-vettura tal-attur ri-konvenut u ta' terzi jkunu protetti skont kif titlob il-ligi meta dawn kienu taht ir-responsabbilta` taghhom.

3. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenuti kienu bi ksur tal-ligi naqsu illi jkollhom il-garaxx taghhom koperti b'polza ta' assigurazzjoni kif titlob il-ligi.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Jannar 2007 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet u fuq talba tal-Avukati tal-attur biex jithalla jressaq sottomissjonijiet ulterjuri l-Qorti tat lill-istess attur zmien sat-28 ta' Frar 2007 biex iressaq l-imsemmija nota bil-*visto* tal-Avukat tal-konvenuti li jkollu zmien sat-3 ta' Marzu 2007 biex iressaq replika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2007.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur Gordon Bartoli datata 11 ta' April 2007 a fol 165 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha nkluz dak tad-29 ta' Novembru 2012 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn b'ordni tal-istess Qorti l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' April 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' April 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b'ordni tal-Qorti din il-kawza giet differita ghall-istess skop tal-verbal precedenti ghall-31 ta' Ottubru 2013.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-atturipprezenta din l-istanza sabiex jottjeni kumpens minghand il-konvenuti jew min minnhom ghad-danni sofferti meta l-vettura tieghu Renault 5 Turbo li kienet giet ikkonsenjata fil-garaxx tal-konvenuti, garrbet hsarat estensivi minhabba hruq fil-garaxx. Il-konvenuti, da parti taghhom, ipprezentaw talba rikonvenzjonali kontra l-attur li permezz tal-istess isostnu li huwa l-attur li ghandu jwiegeb ghad-danni li huma soffrew fil-garaxx peress li l-hruq imsemmi sehh u origina mill-istess vettura tal-attur.

## Provi Prodotti

Fix-xhieda tieghu[1], l-attur **Gordon Bartoli** qal li l-kundizzjoni tal-vettura Renault 5 Turbo, kienet tajba hafna u kull ma kellha bzonn tiswija kien li jigi ssikkat il-*mounting* tal-*gear-box.* Din il-karrozza kienet ilha wieqfa ghal xi tliet xhur shah gewwa mahzen Hal Qormi, u kienet wieqfa peress li kellha bzonn *spare parts.* Wara li xtara hu stess dawn l-*ispare parts*, wahhalhom hu u ha l-karrozza ghand il-konvenut, is-Sibt f'Marzu 1998 fejn halla l-karrozza pparkjata barra l-garaxx tieghu. Halla c-cwievet peress li l-konvenut kien assigurah li kien sejjer idahhal il-karrozza fil-garaxx. L-ghada, ghal habta ta' nofsinhar cempillu huh Edward u qallu biex jitla' malajr sal-garaxx tal-konvenut, peress li kien infurmah li l-garaxx tieghu kien inharaqlu bil- karozza tieghu gewwa u li kienet inqerdet kompletament. Il-valur tal-vettura skont l-attur kien ta' Lm5,200.

In kontro-ezami spjega l-i*spare parts* li ried kienu *stickers* u *clips* tat-twieqi. Hu ma kienx juzaha. F'dawk it-tliett xhur qabel kien hadha ghand certu wiehed Lawrence Falzon ghal *spray.* Cahad li dan kien ghamillu xoghol fuq is-sistema tal-elettriku. Qal ukoll li l-karozza ma kellha l-ebda problema fir-rigward is-sistema tal-elettriku.

Ammetta li l-vettura ma kenitx inxurjata peress li l-*insurance* kienet ghadha kemm skadiet.

**Xehed is-Surgent Saviour Camilleri 679[2],** li kien mar fuq il-post tal-konvenuti dakinhar tal-incident u esebixxa kopja tal-okkorrenza tal-incident - fit-8 ta' Marzu 1998, (**Dok SC1** a fol. 41 tal-process) fejn hemm rapportat il-hsarat li sehhew konsegwenza tal-hruq. Skont l-okkorrenza "*the fire was caused by a short circuit in one of the vehicles."* Kien hemm zewg vetturi fil-garaxx, cioe` r-Renault u Cortina li kienu distrutti (*totally burned)* filwaqt li zewg

[1] Affidavit a fol. 19 tal- process.

[2] Xhieda a fol. 43 tal-process.

vetturi ohra garrbu hsara minn nirien in-naha ta' quddiem tal-garaxx.

Mix-xhieda ta' **Brian Farrugia,** mid-Dipartiment tal-Licenzji,[3] jirrizulta li l-vettura Renault 5 F-4613 hija proprjeta' ta' Gordon Bartoli u ilha tieghu mill-10 ta' Novembru 1995. Qal ukoll li l-licenzji ilhom ma jithallsu minn Marzu tas-sena 1996, u l-pjanci ma gewx ritornati u n-numru ta' registrazzjoni baqa' fil-format l-antik. Seta' jirrinova l-*insurance* minghajr ma jgedded il-licenzja izda d-Dipartiment ma jidholx fil-kwistjoni tal-assikurazzjoni.

Xehed il-konvenut **John Galea**,[4] u qal li jahdem bhala mekkanik u ghandu *casa-bottega.* Darba s- Sibt, l-attur mar ghandu bil-karozza tieghu u qallu li ghandu xi *bracket* imqaccta u riedu jaghlaq xi zewg boltijiet. Sar ftehim li x-xoghol kellu jsir l-ghada, il-Hadd, u wara kellu jigi ghaliha. Is-Sibt filghaxija l-konvenut dahhal il-karozza fil-garaxx, *"biex tkun maghluqa bil-lejl".* Fil-garaxx kien hemm vetturi ohra, fosthom tieghu stess u vettura tal-konvenut Ronnie Galea, Cortina Mark 2.

Is-Sibt filghaxija kellu tieg u kemm meta telaq f'xi d-disgha ta' filghaxija kif ukoll meta rritorna l-Hadd f'xi saghtejn ta' filghodu ghadda minn hdejn il-garaxx u ma nnota xejn barra minn loku. Pero', imbaghad ghal habta tal-hamsa ta' filghodu, ommu, li tghix ezatt hdejn il-garaxx, bdiet tghajjat ghall-ghajnuna, qaltlu li kienet bla dawl u *telephone* u li l-garaxx kien qed jaqbad.

Cempel lill-*fire engine* u malli nizel ra l-karozza tal-attur taqbad. Meta pprova jitfi n-nar, kien kollu ghal xejn, peress li n-nar kien ga qawwi hafna. Wara ghaxar minuti gew il-Pulizija u ftit wara waslu tal-*fire engine* u tfew in-nar.

Bin-nar, is-saqaf tal-garaxx ceda u waqa'. Saru diversi hsarat lil diversi vetturi li kienu fil-garaxx. Karrozza ohra, Ford Cortina li kienet tappartjeni lil certu Joe Borg inqerdet

[3] Xhieda a fol. 46 tal-process.
[4] Xhieda a fol. 75 tal-process.

totalment filwaqt li l-vettura ta’ huh, Ronnie Galea inharqet parzjalment, u l-istess il-vettura l-ohra ta' terzi li kienet fil-garaxx. Il-karrozzi li nqerdu ntremew filwaqt li t-tnejn l-ohra gew irrangati.

Meta xehed in kontro-ezami ddikjara li ilu jahdem ta’ mekkanik ghal xi 45 sena, u l-post fejn jiggestixxi x-xoghol tieghu huwa kopert bil-permessi, pero’, fid-data ta’ l-incident ma kellux polza ta’ assigurazzjoni. Dakinhar tal-incident, fil-garaxx kellu erba’ *fire extinguishers* ta’ 35 kg il- wiehed.

Fost l-erba’ karozzi li kien hemm fil-garaxx meta sar il-hruq, il-karozza tal-attur biss kellha batterija go fiha, u qabel ma hareg is-Sibt fil-ghaxija ammetta li ma kienx skonnettja l-batterija.

Qal li halla c-cavetta tal-*ignition* fil-karozza tal-attur peress li kien immanuvra l-karrozza gol-garaxx minghajr ma startja il-magna. Qal li l-magna kienet mitfija.

Ikkonferma li l-attur, meta gab il-karozza biex jahdem fuqha, kien halla l-karozza fit-triq izda ghamillu premura biex idahhalha. Ma kien lahaq ghamel l-ebda xoghol fuq il-karrozza peress li kien ser jahdem fuqha l-Hadd.

**Paolina Galea**, omm il-konvenut,[5] xehdet li kienet indunat bil-hruq fil-garaxx meta qamet ghall-habta ta’ 4.30am, u ftit wara semghet tisfira. Imbaghad rat il-karozza sewda tisplodi u titkisser.

Xehdet ukoll is-*scene of crime officer* **P.S. Charlot Casha**[6], li pprezentat sittax-il ritratt in konnessjoni mal-incident mertu tal-kawza odjerna. Hi kienet giet nominata bhala fotografu mill-Magistrat inkwirenti u kkonfermat li kopja originali tar-ritratti li gew esebiti minnha kienu gew esebiti fl-inkjesta. Ir-ritratti kollha kienet hadithom hi stess **(vide CC1 sa CC16 anness man-nota Dok RM1).**

[5] Xhieda a fol. 80 tal-process

[6] Xhieda a fol. 88 u affidavit a fol. 117 tal-process.

Xehed ukoll **Lawrence Falzon**,[7] li kkonferma li kien l-*isprayer* tal-karozza mertu tal-kawza odjerna, liema *spray* sar minnu stess u li l-"*karozza kienet mizmuma pinna mis-sid taghha".*

Xehdu l-esperti li gew appuntati fl-inkjesta magisterjali. Il-**Profs. Alfred Vella**[8] li kien gie mqabbad mill-Magistrat inkwirenti sabiex jinvestiga l-kaz *de quo* u jasal ghall-konkluzjonijiet primarjament rigward il-*cause & origin,* jekk kienx sar nar incendarju jew nar accidentali. Ghalhekk mar fuq il-post u zamm xi seduti sabiex jisma' x-xhieda.

Fl-access li sar fuq il-post, ghamel accenn ghall-fatt li kien hemm erba' cilindri tal-gass LPG, li fil-hin tal-access kienu jinsabu barra t-triq fejn kienu harguhom tal-*fire brigade*. Mill-*valve* ta' wiehed minn dawn ic-cilindri, li kien danneggat bil-hruq, kien hiereg il-gass bil-mod.

Kien hemm ukoll residwu ta' plastik, li skont il-konvenut kien kontenitur ta' 45 gallun, li fih kellu madwar 10 galluni pitrolju. Il-kontenitur kien daghab u ddeforma ruhu u x'aktarx li l-pitrolju ta' go fih kien inharaq. Il-konvenut kien qallu ukoll li hdejn dan kien hemm kontenitur iehor ta' 25 litru li kellu madwar 20 litru petrol go fih. Ikkonstata wkoll li l-vettura Renault kienet mahruqa fl-intier taghha. Dwar dawn il-kontenituri, kollox kien jindika li nharqu f'posthom. Ir-Renault ma kenitx go kamra maghluqa izda seta' kien hemm is-shana minn huggiega mdaqqsa ta' petrol li ghenet sabiex l-injam tat-travi tal-kamra (immarkata bl-ittra A fuq il-pjanta esebita mar-rapport tieghu) jinharqu u b'hekk is-saqaf ikkrolla. Ic-cilindri tal-LPG li kienu fil-post ma dehrux li kkontribwew b'mod sinifikanti lejn il-hsarat f'dan in-nar u lanqas ic-cilindru tal-ossignu li kien fuq il-post.

Profs. Vella wasal ghal konkluzjoni li l-incident bi hruq kien ta' natura accidentali. Fi kliemu stess:

---

[7] Affidavit a fol. 35 tal-process

[8] Xhieda a fol. 107 tal-process.

*“Mill-hsarat li kienu evidenti, l-esponent jasal ghall-konkluzjoni li n-nar beda fuq il-vettura Renault 5, R, u minnha pproceda ghal fuq il-Ford Cortina F1 fost affarijiet ohra..... Dan ghaliex l-uniku fonti energetika prezenti f’karozza kapaci li jibda nar hija l-batterija. Il-petrol fit-tank ma ghandu ebda tendenza li jiehu n-nar spontanjament : in fatti lanqas biss huwa possibbli li petrol go tank ta’ vettura jiehu n-nar sakemm jibqa’ fit-tank. Mill-banda l-ohra, ir- Renault kellha fuqha l-batterija li skont Gordon Bartoli kienet ghadha gdida. Din il-batterija instabet mahruqa fil- vettura u b’hekk f’din il-karozza kien hemm l-opportunita’ li jsehh gwast elettriku matul il-lejl li jwassal ghal hruq totali taghha...."*

*"Ma kienx possibbli li wiehed jiddetermina fejn kien sehh dan il-gwast fis-sistema elettrika tar-Renault....Huwa probabbli li n-nar fil-karrozza Renault beda x'imkien fil-kabina tal-passiggieri u x'aktarx taht id-dashboard. Hawnhekk wiehed normalment isib il-wire harness u l-ignition switch u seta' sehh short circuit f'wiehed mill-wires li kien energizzat."*

Kopja tar-relazzjoni tieghu giet ezebita minnu (**Dok AV** a fol. 92 tal-process).

**Il-Perit Richard Aquilina**[9] kkonferma l-konkluzjoni fir-relazzjoni tieghu, (li kopja taghha tinsab ezebita u mmarkata bhala Dok RA a fol. 111 tal-process) fejn qal li n-nar kien origina fil-post fejn kien hemm il-karozza Renault 5 u vvaluta l-hsarat fil-fond fl-ammont ta' Lm1,381.

**Il-Perit Alan Saliba**[10] kien gie nkarigat mill-konvenut sabiex jispezzjona l-fond 2, ‘Tal-Franciz’, Limiti tal-Marsa, liema fond jikkonsisti f’remissa antika li tinkludi bitha centrali b’zewgt ikmamar imdaqqsa u zewg garaxxijiet jiccirkondawha u li qed tintuza bhala garaxx ta’ mekkanik tal-karrozzi. Ikkonferma l-istima tieghu **Dok. RM (fol 124 - 125)** li rrediga hu stess.

---

[9] Xhieda a fol. 119 tal-process.
[10] Xhieda a fol. 131 tal-process.

Qal li wara l-ispezzjoni li saret minnu fl-20 ta' April 2004, gew innotati diversi hsarat li rrizultaw min-nirien, bhal nugrufun mas-saqaf tal-kamra laterali fuq ix-xellug, travu tal-hadid mibrum fl-istess kamra u kif ukoll xpakk tal-gebel tal-franka mal-hajt tax-xellug, kif tidhol fir-remissa.

Ikkonkluda li x-xoghlijiet kollha ta' tiswija fil-fond jammontaw ghal **<u>Lm4,910.</u>**

Spjega li hemm differenza bejn ir-rapport tieghu u dak tal-Perit Richard Aquilina fl-inkjesta peress li parti mill-ammont, cioe` Lm2,770 giet imhollija barra mill-Perit Aquilina u jikkoncerna l-kamra kif tidhol fuq ix-xellug. Din il-kamra lanqas giet identifikata fuq il-pjanta mhejjiha mill-Perit Aquilina u ghalhekk ma kenitx inkluza fl-istima tieghu tal-hsarat. Gie eskluz ukoll il-bini tat-*toilet* li jinsab fir-remissa kif tidhol.

"*Oltre dan hemm diskrepanza fl-istima mhejjiha mill-Perit Richard Aquilina ghall-fatt illi l-istima hija mahduma fuq rati li kieku kellek tibni bini shih mill-gdid mhux rati li japplikaw ghall-alterazzjonijiet f'bini, kif kien f'dan il-kaz, li huma cioe' alterazzjonijiet zghar u mhux jikkonsistu f'korp ta' bini gdid."*

Skont ix-xhud anke r-rati li applika l-Perit Aquilina ghat-tibjid kienu nferjuri ghar-rati li japplikaw ghas-suq meta ra il-post hu.

Il-konvenut esebixxa affidavit ta' **Joseph Borg**[11], sid il-vettura Ford Cortina Mark 2 KAN-581 li nharqet fl-incident. Il-valur taghha kien cirka Lm650. Qal li thallas mill-konvenut.

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt.**

[11] Affidavit a fol. 137 tal-process.

Ikkunisdrat li d-diligenza li wiehed ghandu juza fl-ezekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni hija ta' *bonus pater familias* (missier tajjeb tal-familja) u dan *a tenur* tal-Kap 16 art 1132, u bl-artikolu 1032 tal-istess Kodici jinghad li min ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta` missier tajjeb tal-familja jitqies fi htija dwar l-ghemil tieghu.

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jsawru l-kazipprezentat mill-attur jirreferu ghad-depozitu u r-responsabbilta' tad-depozitant regolati bl-**artikolu 1891 et seq. tal-Kodici Civili, (Kap.16)**. Il-kuntratt ta' depozitu jinvolvi t-tqeghid ta' haga f'idejn haddiehor bl-obbligu ta' dan li jharisha u li jroddha lura *in natura* meta jintalab li jaghmel dan[12].

L- **Artikolu 1899 tal-Kodici Civili** jipprovdi illi:-

*'Id-depozitarju ghandu, fil-kustodja tal-haga taht depozitu, jiehu hsieb daqs kemm jiehu fil-kustodja ta' hwejgu'.*

Dan hu l-istess kriterju *uti in rem suam* preskritt mill-Kodici Civili **fl-artikolu 1132** ghall-ezekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet in generali, cioe` li d-depozitarju ghandu jezercita' d-diligenza tal-*bonus paterfamilias.* Izda hu ma jwegibx ghall-accidenti li jsehhu b'forza magguri sakemm ma jkunx tnikker biex irodd lura l-haga lil min ikun talabielu lura.[13] Hu ghandu jbati ghal hsarat li javveraw fil-haga depozitata htija tieghu.[14]

Jitqies li haga depozitata tkun intilfet b'forza magguri jekk kemm-il darba jintwera li d-depozitarju ha l-passi kollha mehtiega u ragjonevoli biex il-haga depozitata tkun tqieghdet fiz-zgur.[15] Ukoll il-gurisprudenza hija konkordi li l-kuncett ta' kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribwixxa l-fatt pozittiv jew negattiv tal-bniedem. (Ara ad.es.- *App.Civ., "**Carmela Sapiano vs Antonia Fenech**"* (1997) Vol.LXXXI.II.149);

---

[12] **Art. 1891 Kap.16**

[13] **Art. 1901 Kap.16**

[14] **Art. 1904 Kap.16**

[15] Kum. dec. 26 ta' Settembru 1979 fil-kawza **"Nut. Joseph Vella Galea v Anglu Azzopardi et"** (mhux ippubblikata). Ara ukoll **l-art. 1029 tal-Kap.16**.

Il-Qorti ser tghaddi biex tezamina dawn il-principji fl-isfond tat-talbiet reciproci tal-partijiet rigward ir-responsabbilta' ghad-danni.

**Responsabbilta` tal-Konvenut**

L-attur jghid li l-konvenut naqas mill-obbligu tieghu li jikkustodixxi l-vettura Renault bhal 'bonus paterfamilias' il-ghaliex, "*bhala mechanic ta' diversi snin esperjenza kien jiehu hsieb li malli din il-karrozza giet f'idejh, jiskonnettja l-main principali tal-elettriku tal-karrozza minn mal-batterija taghha biex b'hekk iserrah rasu.... li l-karrozza tkun mahzuna b'mod tajjeb u sikur (safe)."*

Il-Qorti tibda biex tghid li taqbel mas-sottomissjoni li r-relazzjoni guridika perfezjonata bejn il-kontendenti kienet wahda ta' depozitu u ghalhekk jinkombi fuq il-konvenut li jiskolpa ruhu billi jipprova li l-hsarat kienu kkagunati minn kaz fortuwitu jew *force majeure.*

Applikati l-principji fuq ennuncjati, jekk il-konvenut ikkaguna l-hsara bl-ommissjoni tieghu, kif qed jallega l-attur, billi ma skonnettjax il-magna, allura ma jistax jigi ezonerat mir-responsabbilta' tieghu ghall-akkadut u ghall-hsarat.

Huwa ppruvat minghajr ebda ombra ta' dubju li l-hruq origina fil-vettura tal-attur. Dwar id-dinamika tal-hruq, il-Qorti hija ggwidata mir-relazzjoni teknika tal-espert imqabbad fl-inkjesta Magisterjali, il-Profs. Alfred Vella li, izda, ikkonkluda li l-incident ta' hruq *de quo* kien ta' natura accidentali.

Eskluda wkoll li n-nar origina mit-tankijiet tal-pitrolju jew ic-cilindri tal-gas LPG li kienu mahzuna fil-garaxx.

Huwa fatt ippruvat li n-nar beda fir-Renault u nfirex ghall-vettura ta' hdejha (F1 fuq il-pjanta annessa mar-relazzjoni tieghu). Il-kagun kien gwast fis-sistema tal-elettriku tal-vettura Renault, pero` l-espert qal ukoll li "ma kienx possibbli li wiehed jiddetermina fejn kien sehh dan il-

gwast fis-sistema elettrika tar-Renault" u kkonkluda fuq bazi ta' probabbilta` li n-nar beda "*x'aktarx minn taht id-dashboard..u seta' sehh 'short circuit' f'wiehed mill-wires li kien energizzat."*

Il-Qorti m'ghandha ebda raguni ghaliex tinjora dawn il-kostatazzjonijiet li gew ikkonfermati bil-gurament ukoll f'dawn il-proceduri. Minn dan kollu tiddesumi li l-espert ma seta' isib xejn li jattribwixxi kolpa lill-konvenut jew anke lill-attur. Ma setax jidentifika l-kagun tal-gwast.

Riferibbilment ghat-tezi tal-attur li l-konvenut prudenti kellu jiskonnettja l-magna, il-Qorti tinnota li huwa facli li wiehed isir professur '*with the benefit of hindsight*'. Izda ma kien hemm xejn x'jindika li l-vettura Renault kellha xi hsara fis-sistema elettrika taghha meta giet ikkonsenjata lill-konvenut. Difatti l-iskop ghaliex ittiehdet ghand *mechanic* ma kienx ghal xi riparazzjonijiet fis-sistema elettrika taghha izda "*biex jigi issikkat il-mounting tal-gear box*." (affidavit tal-attur). Jirrizulta mhux kkontestat li l-vettura kienet f'kondizzjoni tajba u "*mizmuma pinna" (*affidavit ta' Lawrence Falzon).

Jekk hu mistenni minn kull *mechanic* li jiskonnettja l-magna ta' kull vettura li tittiehed ghandu ghar-riparazzjonijiet, anke meta dawn m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma xi gwast fis-sistema elettrika tal-vettura, allura huwa daqstant mistenni minn sid prudenti li jiskonnettja l-magna tal-vettura tieghu meta jiggaraxxjaha biex jevita kombustjoni simili. Dan assolutament mhux il-kaz u l-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut ma naqasx mill-prudenza mistennija fl-agir tieghu meta halla l-vettura ggaraxxjata minghajr ma skonnettja l-magna.

Fl-isfond ta' responsabbilta' civili, id-dannu ghandu dejjem ikun wiehed prevedibbli. U, kif gie ritenut fil kawza fl-ismijiet "***Biagio Muscat vs Anthony Falzon****"* deciza mill-Qorti tal-Appelli (Sede Inferjuri) nhar it-12 ta’ Mejju 2003: *"Prevedibbilta` din li trid tkun ta' probabbiltajiet ragjonevoli u mhux ta' possibbiltajiet remotissimi u inverosimili".*

Ghaldaqstant il-Qorti qed tirrespingi t-talbiet attrici u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fis-sens li m'ghandux jitqies responsabbli ghall-hsarat rekati fuq il-vettura Renault, mertu ta' din il-kawza.

**Responsabbilta` tal-Attur**

It-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut huma bbazati fuq principji ta' *culpa aquiliana* in kwantu li jsostni li l-hsarat li garrab gew ikkagunati minhabba l-hruq li sehh fil-vettura tal-attur.

Riferibbilment ghall-grad ta' kolpa mfisser *ai termini* tal-**artikolu 1032(1) tal-Kap 16** u cioe` li *"jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb ta' familja",* fil-kaz "***Biagio Muscat vs Anthony Falzon***" fuq citata, gie ribadit li :

"*Il-Kodici taghna ma jipprovdi l-ebda definizzjoni tal-"kolpa". B'danakollu ma jonqosx milli jippreciza li "jitqies fi htija kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, d-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja" (Art 1032(1), Kodici Civili). Dan ragjonevolment ifisser illi wiehed jehtieg jikkollega l-att kolpuz minhabba mprudenza jew nuqqas ta' diligenza mar-rekwizit tal-prevedibbilta` tal-event dannuz."*

Fis-sentenza fl-ismijiet "***Richard Casha vs Frans Sammut***" **(**Q.A. (Sede Inferjur) - deciza 28 ta' April 2003) il-Qorti ccarat it-tifsira ta' *culpa* u cioe`: -

*"Tissussisti "kolpa" meta jkun hemm il-vjolazzjoni ta' dmir u ommissjoni volontarja ta' diligenza bhala konsegwenza ta' liema ma jigux previsti il-konsegwenzi tal-azzjoni jew ommissjoni proprja u ghalhekk jigi vjolat id-dritt ta' haddiehor, minghajr ma wiehed ikun irid jew minghajr ma wiehed jinduna."*

Il-konvenut jibbaza t-talbiet tieghu fuq il-fatt semplici li l-hruq origina fil-vettura tal-attur. Izda ghall-istess ragunijiet applikabbli ghat-tezi tal-attur, il-Qorti tqis li dak li sehh kien accidentali u mhux attribwibbli ghal xi nuqqas, la tal-

konvenut u lanqas tal-attur. Il-konvenut ma ressaq ebda prova biex juri li l-vettura kienet gja bil-hsara, jew mhux mizmuma tajba, jew li forsi kienet involuta f'xi incident li seta' halla hsarat fis-sistema elettrika taghha. Xejn minn dan.

Il-Qorti ma tistax tidhol f'spekulazzjonijiet u ipotesijiet dwar il-kaz, li lanqas biss ikkonsidrahom l-espert Profs. Vella. Huwa fatt li l-hruq origina fil-vettura. Skont ir-rapport huwa "probabbli" li beda x'imkien fil-kabina tal-passiggieri, "x'aktarx" minn taht id-*dashboard,* u "seta' sehh" minhabba xi 'short circuit' f'wiehed mill-*wires* li kien energizzat. Aparti li ma jirrizulta xejn cert minn dawn il-kostatazzjonijiet, dawn jipotetizzaw kif seta' beda n-nar, izda b'hekk ma jixhtu ebda dawl dwar jekk dak li sehh seta' jigi evitat minn sid prudenti tal-vettura in kwistjoni. Li jirrizulta huwa li l-vettura kienet fi stat tajjeb. Li kieku kellha xi gwast fis-sistema elettrika taghha, wiehed jistenna li l-attur kien jitlob lill-*mechanic* biex jirrangah u l-fatt li l-vettura ddahhlet ghal riparazzjonijiet ohra juri li s-sid ma kien jaf xejn b'xi *fault* simili fil-vettura.

*Inoltre* mir-rapport tal-Profs Vella jirrizulta li l-hruq fil-kabina tar-Renault kienet pjuttost kontenuta u li l-pitrolju fiz-zewg tankijiet tal-plastik li kienu fil-garaxx ta' 45 gallun u ta' 20 litru rispettivament ikkontribwew sabiex in-nar jinfirex u kkagunaw il-kroll fis-saqaf. "*Jekk il-fuel jaqbad li kien hemm go fih kien gie imxerred f'din il-kamra (fejn ikkrolla s-saqaf) allura jispjega ghaliex il-hsara hawnhekk kienet daqshekk gravi"* (rapport a fol 100 tal-process).

Kif gja kkonstatat, il-Qorti tqies li z-zamma ta' likwidu infjammabbli f'garaxx ta' *mechanic* huwa agir irresponsabbli u l-konvenut biss ghandu iwiegeb ghall-hsarat estensivi li garrab fuq il-bini tieghu. Il-hruq fil-vettura kien accidentali, izda l-pitrolju kkontribwixxa b'mod determinanti sabiex in-nar jinfirex mal-garaxx kollu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ser tirrespingi it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-attur ghall-istess.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi tiddisponi mit-talbiet attrici u mit-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut skont dan li gej:

1. Fir-rigward tat-talbiet attrici, fil-waqt li **tilqa'** l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **tichad** it-talbiet attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

2. Fir-rigward tat-talbiet Rikonvenzjonali tal-Konvenut, fil-waqt li **tilqa'** l-eccezzjonijiet tal-attur, **tichad** it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------